MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1564/2001/1

**Citazzjoni numru 1564/01 GC**

**V. J. Salamone (Trading) Limited**

**vs**

**Nicholsons Supermarkets Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnax-il elf u sitta u ghoxrin Lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm12,026.57) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’

merkanzija mibjugha u kkonsejata lis-socjeta’attrici, hawn anness bhala Dok “A1- A4’’;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment,is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjoni valida x’taghi kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha sittin (167) “et sequitur” tal-Kodici tal-Ordinizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-raprezentant legali tas-socjeta’ attrici u mmarkat bhala Dok. “B”;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet lir-rapprezentant legali tas-socjeta’ konvenuta jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandhiex din l-Qorti:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Ordinizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundana lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma minnha dovuta ta’ tnax-il elf u sitta u ghoxrin Lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm12,026.57) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta fuq talba taghha stess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u qbid li qed jigu ntavolati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta konvenuta li giet ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit illi l-ammont mitlub mhuwiex dak dovut u ghalhekk it-talba attrici ghanha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debiotament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Rat in-nota tas-socjeta attrici presentata fil-kors tas-seduta tat-30 ta’ Mejju 2002 li biha s-sorte gie ridott Lm10,297.12, filwaqt li nzammu fermi l-kapi l-ohra tal-imghaxijiet u l-ispejjez;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2002;

Ikkonsidrat:

It-talbiet attrici kif ridotti jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Il-pretensjoinjiet tas-socjeta konvenuta kif kontenuti fin-nota ta’ eccezzjonijiet zgur li ma gewx ippruvati u ghalhekk ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici kif ridotti u tikkundana lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef mitejn u seba u disghin liri maltin u tnax il-centezmu (Lm10,297.12) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta

fuq talba taghha stess u dana bl-imghaxijiet kolllha legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra is-socjeta konvenuta.